MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tat-2 ta' Awwissu, 2012

Numru. 354/2012

**Pulizija**
**(Spettur Therese Sciberras)**
**vs**
**Martin Micallef**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Martin Micallef ta’ 46 sena, imwieled fit-12 ta’ Jannar 1966, Pieta’, bin Ronald u Theresa nee’ Azzopardi u residenti f’ no 152 Goeren Spring Street, Siggiewi u detentur tal-karta tal-identita’ numru 36766M gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

F’dawn il-Gzejjer fis-Siggiewi bejn 1 ta’ Jannar 2011 u l-23 ta’ Marzu 2012 f’xi hin bhala cittadin jew resident permanenti ta’ Malta ghamel disponibbli jew akkwista ghalih nnifsu jew kellu fil-pussess tieghu ritratti, films, video recordings jew xbihat elettronici ncidenti ta’ persuni ta’ taht l-eta’ ta’ disa snin u sbatax-il sena (Ch 9 article 208A).

Il-Qorti kienet mitluba li f'kaz ta' htija tapplika l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghat l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar l-24 ta' Lulju 2012 ghall-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuza kif dedotta kontra tieghu.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti ikkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri kif ukoll il-fatt li huwa kkopera fil-kors tal-investigazzjonijiet izda kkunsidrat ukoll il-fatt li kif jirrizulta mic-certifikat mediku rilaxxjat minn Dr. Mark Xuereb u nserit a fol. 78 tal-atti processwali l-imputat irrejalizza li ghandu problema li jehtieg li tigi ndirizzata u fil-fatt huwa dispost li jindirizza din il-problema billi jissottoponi lilu nnifsu ghall-kura relattiva. Il-Qorti hadet in konsiderazzjoni wkoll li mill-provi rrizulta biss li l-imputat kien hati ta' pussess ta' materjal pornografiku u mhux ta' tixrid tal-istess materjal pornografiku u ghalhekk fic-cirkostanzi jidrilha li piena karcerarja effettiva ma tkunx idoneja.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 208A(1B) tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessa u tikkundannah sentejn (2) prigunerija li b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghall-perijodu ta' erba' (4) snin millum.

Wara li rat l-Artikolu 28G tal-Kodici Kriminali l-Qorti inoltre tordna l-hrug ta Ordni ta Supervizjoni fil-konfronti tal-hati ghal zmien sentejn(2) millum fejn l-imputat ghandu jinghata l-ghajnuna kollha mehtiega ghall-problema li ghandu.

Il-Qorti inoltre tqieghed lill-imputat taht ‘treatment order’, ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kodici Kriminali taht il-kura tal-psikjatra Dr. Mark Xuereb liema kura ghandha tikkonsisti fl-laqghat terapewtici bi frekwenza ta’ mill-anqas darbtejn fix-xahar ghal perjodu ta’ sena, jew skond l-istruzzjonijiet tal-istess Dr. Mark Xuereb.

Il-Qorti qed twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jonqos li josserva jew isegwi xi kundizzjoni mposta fuqu fl-Ordni ta’ Supervizjoni jew jekk huwa jonqos milli jsegwi xi ordni moghtija lilu mill-Ufficjal Sorveljanti.

Il-Qorti twissi wkoll lill-hati skond il-ligi bil-konsegwenzi jekk huwa jikkommetti reat iehor fil-perijodu operattiv ta’ din is-sentenza.

Il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur Ghal Probation Services u lil Dr. Mark Xuereb.

Il-Qorti inoltre tordna il-konfiska u d-distruzzjoni tal-hard drives (Dok. EZ2) li jikkontjenu materjal pornografiku li gew elevati mill-Prosekuzzjoni u esebiti f’dawn l-atti.

Il-Qorti wara li rat il-Kap. 518 tal-Ligijiet ta’ Malta tordna lir-Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali sabiex l-imputat jitnizzel fuq ir-Registru ndikat fl-imsemmi Att u ghal dan il-ghan tordna li kopja ta’ din is-sentenza tigi komunikata lill-imsemmi Registratur.

Wara li rat l-Artikoli 392 A (2) u 401 (3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti tordna li l-atti kollha ta’ dan il-process flimkien ma kopja tas-sentenza jintbghatu lill-Avukat Generali fiz-zmien li trid il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------